MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 975/1995/1

**Saviour Scerri u Joseph Scerri**

**v.**

**Salvu u Emmanuele Farrugia, u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2005 stante l-mewt ta' Emmanuele Farrugia fil-mori tal-kawza l-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmelo Farrugia, Patrick Farrugia, Anthony Farrugia, Maria mart Mario Azzopardi, Frans Farrugia, Joseph Farrugia, Natalina mart Charlie Galea, Filomena mart Joseph Sammut,u Carmena mart il-mejjet konvenut Emmanuele Farrugia.**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar l-eccezzjoni tad-deserzjoni taz-zewg rikorsi ta’ appelli sollevata mill-appellati Saviour Scerri u Joseph Scerri fl-udjenza tal-5 ta’ April 2005.

Dak li gara f’dan il-kaz kien hekk: mis-sentenza ta’ l-1 ta’ Ottubru 2002 appellaw biss il-konvenuti. Dawn kienu, fid-data meta l-kawza thalliet l-ewwel darba ghas-sentenza, u cioe` fis-7 ta’ Novembru 2001, Salvu Farrugia u Emmanuele Farrugia. Qabel ma nghatat din is-sentenza, u precisament fl-24 ta’ Jannar 2002, miet Emmanuele Farrugia izda s-sentenza nghatat – korrettement – fl-ismijiet “Saviour u Joseph Farrugia v. Salvu u Emmanuele Farrugia”. Appellaw, b’zewg rikorsi separati, min-naha l-wahda Salvu Farrugia (ara fol 11 ta’ l-atti ta’ l-appell) fit-18 ta’ Ottubru 2002, u min-naha l-ohra izda fl-istess data l-eredi ta’ Emmanuele Farrugia (ara fol. 2 ta’ l-imsemmija atti). Ghalkemm dawn iz-zewg rikorsi gew fil-fatt notifikati lill-atturi appellati entro t-terminu ta’ sena, il-konvenuti ma innotifikawx lil xulxin (entro dan it-terminu) bir-rikorsi rispettivi taghhom. Kif inghad, fl-udjenza tal-5 ta’ April 2005 l-atturi appellati eccepew id-deserzjoni ta’ dawn iz-zewg appelli.

Dan il-punt tad-deserzjoni dam biex jigi trattat u deciz ghax fl-ewwel lok kellha tigi sorvolata l-problema dovuta ghall-mewt ta’ Emmanuele Farrugia. Kien biss bid-digriet tat-23 ta’ Gunju 2005 li din il-Qorti laqghet it-talba ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju. Fl-ewwel udjenza wara l-feriat, u cioe` fit-18 ta’ Ottubru 2005, l-avukati ta’ Salvu Farrugia u ta’ l-eredi ta’ Emmanuele Farrugia “…taw ruhhom b’notifikati ghal kull buon fini reciprokament bir-rikorsi ta’ l-appell rispettivi…” tal-patrociniati taghhom.

Fid-dawl ta’ din ir-rinunzja esplicita da parti ta’ min ghandu l-aktar interess li jissolleva l-eccezzjoni tad-deserzjoni proprju minhabba nuqqas ta’ notifika, u fid-dawl ta’ dak deciz minn din il-Qorti (kif illum komposta) fil-provvediment taghha tat-8 ta’ Gunju 2004 fil-kawza fl-ismijiet ***George Sciberras et v. Josephine Spiteri et*** (ghal-liema provvediment qed issir piena referenza a

skans ta’ ripetizzjoni), hu evidenti li ma hemmx lok li l-eccezzjoni sollevata mill-atturi appellati tintlaqa’.

Ghall-motivi premessi, tichad l-eccezzjoni tad-deserzjoni tar-rikorsi ta’ l-appell sollevata mill-atturi appellati fl-udjenza tal-5 ta’ April 2005, u tordna l-prosegwiment tas-smigh ta’ l-istess appelli. L-ispejjez ta’ dan l-incident jithallsu mill-atturi appellati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------